**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **39**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħad-Dingli: | Sindku s-Sur Raymond Schembri |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| Ir-Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

| | |
|---|---|
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-18:00 ta' filgħaxija.

**39.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindki ta' l-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżlu skużati.

**39.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 36 u tal -Minuti 38;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 36 li saret nhar l-20 ta' Ġunju 2024.

Sekondant: is-Sindku ta' Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 38 li saret nhar il Ġimgħa it- 28 ta' Ġunju 2024.

Sekondant: is-Sindku ta' Zurrieq is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**39.03 Komunikazzjoni mill-President**

39.03.01 Xtaqt nibda billi nirringrazzja lis-Sindki u Kunsilliera kollha fi ħdan ir-Reġjun Punent li servew matul l-aħħar leġislatura u li jew ma reġgħux ikkontestaw u/jew ma telgħux fil-Kunsilli Lokali l-ġodda. Ukoll xtaqt nagħti merħba lill-kunsilliera kollha eletti u nħares 'l quddiem sabiex magħhom b'koordinazzjoni mal-Kunsilli Lokali naħdmu għall-ġid tar-residenti, tal-Kunsilli Lokali u tar-Reġjun in ġenerali.

39.03.02 Nhar l-20.06.24 irċivejna r-rapport tal-Audit tal-Waste Packaging għas-sena 2023.

39.03.03 Nhar l-20.06.24 irċivejna komunikat mingħand il-Ministeru għall-Ambjent, Enerġija u Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir. Bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea għall-iżvillup sostenibbli 2024 qiegħdin fil-proċess li jabbozzaw programm ta' avvenimenti.

39.03.04 Nhar il-20.06.24 irċivejna mingħand is-SEM feedback dwar żewġ proġetti draft li kienu intbagħtu.

39.03.05 Nhar il-21.06.24 il-President bagħat lid-direttur Ġenerali fejn infurmaħ li l-ewwel għandha issir laqgħa mal-President tal-AKL qabel ma jiltaqgħu l-Presidenti tar-Reġjun rigward il-kontijiet tal-Wasteserv u materji oħra relatati mal-kuntratt tal-iskart.

39.03.06 Nhar l-24.06.24 irċivejna mingħand Gal Xlokk li ser ikunu qed joħorġu sejħa għal żewġ miżuri li huma, Miżura 2 'Strengthening a Healthy Cultural Identity' u Miżura 4 'Development of Green infrastructure' taħt il-Programm Leader 2014-2020.L-applikazzjonijiet ta' dawn is-sejħiet jagħlqu nhar it-08.08.2024.

39.03.07 Nhar l-24.06.24 il-Manager tal-iskart bagħat lill-Wasteserv għall-kjarifika fuq skart riċiklabbli li jkun ta’ volum/daqs kbir. Jekk dan għandux jinġabar mill-kollettur mal-ġabra tal-Ħamis jew għandux jinġabar mill-kollettur tal-Bulky tal-Kunsill Lokali.

39.03.08 Nhar l-24.06.24 irċivejna mingħand is-SEM fejn ser ikunu qed jorganizzaw sezzjoni ta’ taħriġ għall-NGO’s dwar kif tiżviluppa ideat u proġetti kompettivi. Il-Maniġer tal-Fondi infurmat lil NGOs b’din il-laqgħa.

39.03.09 Nhar il-25.06.24 il-Maniġer tal-ambjent avviċina l-lokalità tar-Rabat jekk ikunux interessati japplikaw għall- proġett ta’ mobilità urbana City-to-City Exchange Meeting.

39.03.10 Nhar il-25.06.24 ġejna approvati bħala membri tal-JMI fejn il-President u l-Maniger tal-Kultura irrappreżentaw lir-Reġjun fl-online AGM li sar.

39.03.11 Nhar is-26.06.24 saret laqgħa mal-kuntrattur tal-iskart sabiex nindirizzaw ċertu problemi li qed ikun hemm dan l-aħħar xhur u bi tħejjija ghal-laqgħat individwali li ser ikollna ma kull kunsill lokali.

39.03.12 Nhar is-26.06.24 ġejna avviċinati mis-Sur Attard mill-Friends of Earth fejn jixtiequ jikkolaboraw mill-qrib mar-Reġjun fuq inizzjattivi ambjentali.

39.03.13 Nhar is-26.06.24 irċivejna Ċir AKL 2024/044_Blue Heart Campaign 2024 - Request to light up Local Councils and main buildings in blue. Id-Direttorat tad-Drittijiet Umani flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwalità qed jorganizzaw avveniment li se twassal għall-Jum Dinji kontra t-Traffikar ta’ Bnedmin. Ser tkun qed titqajjem kuxjenza billi jinxtegħlu dwal blu ma’ Binjiet Governattivi, bħall-Kunsilli Lokali, fil-ġimgħa bejn it-22 u t-30 ta’ Lulju.

39.03.14 Nhar is-26.06.24 irċivejna mingħand ANSEK fejn ser ikunu qed jorganizzaw konferenza annwali nhar l-05.07.24. Din il-konferenza ser tkun qed tindirizza r-relazzjoni bejn il-Kunsilli Reġjonali u dawk lokali flimkien ma xi kelliema barranin.

39.03.15 Nhar it-27.06.24 irċivejna PQ20215 -Kunsilli Reġjonali - Ġbir ta’ Skart – Spiża. L-ONOR Chris Said saqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali:

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża ta’ kull reġjun għall-ġbir tal-iskart matul is-sena 2023? Kemm ġabar flus kull reġjun għall-ġbir tal-iskart mingħand il-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħtu? Jista’ jgħid ukoll jekk kienx hemm differenza bejn dak li r-reġjun ġabar u dak li għandu jħallas għas-sena 2023 u jekk iva, minn fejn ser titħallas din id-differenza?

39.03.16 Nhar is-27.06.24 irċevejna Ċir AKL 2024/043_RIGHTS Training - Third Round. Ser ikunu qed jiġu organizzata sezzjonijiet sabiex ikun hemm tmexxija bla xkiel tal-kunsilli tat-tfal. Dawn ser issiru nhar il-5, id-9, il-11 u is-16 ta’ Settembru.

39.03.17 Nhar is-27.06.24 irċivejna mingħand il-kamra tal-ippjanar ta’ Malta fejn bagħtulna informazzjoni dwar l-inizjattiva Urbana Ewropea.

39.03.18 Nhar it-28.06.24 ir-Reġjun Punent ħareġ is-sejħa interna għal Cleaner/Messaggier fuq bażi part-time.

39.03.19 Nhar l-01.07.24 irċivejna stqarrija għal l-istampa mill-ERA fuq 'see-through' black bags as of July 1st 2024'. B'referenza għal din l-istqarrija u l-komunikat li kien diġa bagħat il-President tal-AKL infurmajt lis-Sa Sammut minn naħa tal-ERA li minn naħa tagħna tajna direzzjoni biex ebda materjal m'għandu jkun ippublikat qabel issiru l-affarijiet kif suppost.

39.03.20 Nhar it-02.07.24 il-Maniġer tal-ambjent bagħat lis-Sur Pule mill-Malta Public Transport għal rappreżentant tal-Malta Public Transport sabiex jiġi innominat biex jingħaqad f'exchange fix-xhur li ġejjien ġewwa il-Portugal. L-iskop ser ikun sabiex tippremja u tinċentiva l-użu tat-transport pubbliku u l-ivjaġġar attiv.

39.03.21 Nhar it-02.07.24 irċivejna Ċir AKL2024/046_HRC side event 4 July at 1-2pm CEST "Capacity building for local governments to realize human rights for all" li ser issir nhar l-04.07.24 online.

39.03.22 Nhar l-02.07.24 irċivejna stedina mingħand l-AKL għall-BBQ miftuħ għas-sindki tar-Reġjun Punent, Segretarju Eżekuttivi kif ukoll uffiċjali maniġerjali u impjegati tar-Reġjun Punent.

39.03.23 Nhar it-03.07.24 id-Direttur Ġenerali infurmana dwar l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku u Viċi Sindku. X'isir fl-ewwel laqgħa huwa speċifikat fl-Att f'Artiklu 4 tal-ordnijiet Permanenti.

39.03.24 Nhar l-04.07.24 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Fondazzjoni GAL Xlokk ser ikunu qed jorganizzaw seminar informattiv għall-għaqdiet volontarji onlajn li ser issir nhar l-04.07.24. F'dan it-tali seminar ser tkun qed tingħata informazzjoni dwar miżura 2 'Strengthening a Healthy Cultural Identity' li hi immirata għall-għaqdiet volontarji li jaħdmu fil-qasam tal-kultura u miżura 4 'Development of Green Infrastructure' li l-iskop tagħha huwa hu li tiġi issalvagwardjatha l-eko sistema u l-biodiversità.

39.03.25 Nhar l-04.07.24 irċivejna mingħand l-E-Skills dwar programmi ta' taħriġ ta' ħiliet diġitali b'xejn li ser ikunu qed jorganizzaw.

39.03.26 Nhar il-05.07.24 irċivejna stqarrija maħruġa mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali li titratta emendi li saru fir-regolamenti dwar t-tqegħid ta' caravans.

39.03.27 Nhar it-08.07.24 il-Maniġer tal-Ambjent fakkar fil-pledge li ċertu kunsilli lokali kienu iffirmaw lura fl-2019 dwar tnaqqis tal-iskart tad-dekorazzjonijiet u minimizzazzjoni tar-riskju tat-tniġġis.

39.03.28 Nhar it-08.07.24 irċivejna e-Tendering Manual notification.

39.03.29 Nhar id-09.07.24 irċivejna referenza għall-iskema SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa. Infurmawna li waqt il-proċess tal-vetting tal-applikazzjoni sottomessa, ġie nnotat li l-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsilli Lokali tal-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Qrendi u ż-Żurrieq jridu jkunu sħaħ, approvati u ffirmati.

39.03.30 Nhar id-09.07.24 id-Direttur Ġenerali informa li Segretarji Eżekuttivi jistgħu jitolbu transferriment sa 50% mill-leave annwali. Kwalunkwe talba għall-akkumulazjoni tal-leave lil hinn minn 50% tal-intotalment annwali trid tiġi approvata biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

39.03.31 Nhar l-10.07.24 irċivejna l-audit emendat fuq l-iskart riċiklabbli għas-sena 2023.

39.03.32 Nhar l-10.07.24 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li il-Kunsill Malti għas-settur volontarju permezz tal-Ministeru għall-Inklużjoni ħabbar fond għas-soċjeta ċivili għas-sena 2024. Din tinkludi kollaborazzjonijiet ma' għaqdiet barranin, inkluż sħubija f'assoċjazzjonijiet, networks u konfederazzjonijiet, attendenza f'konferenzi u laqgħat, kif ukoll taħriġ fuq dimensjoni Ewropeja.

39.03.33 Nhar l-10.07.24 il-President bagħat ir-rapport fuq l-Open Top Routes.

39.03.34 Nhar it-12.07.24 il-President bagħat proġett lid-Direttur Ġenerali b'referenza għat-talba mill-OPM dwar inizjattivi immirati għaż-żgħażagħ li se jippromwovu permezz ta' Vox Pop b'kollaborazzjoni ma' 89.7 bay.

39.03.35 Nhar il-15.07.24 irċivejna POC73/2024 – Submission of UBO Forms.

39.03.36 Nhar il-15.07.24 irċivejna 4 eżempji ta' sinjali tat-toroq għall-proġett tal-ismart parking. Kull eżempju jinkludi l-ismijiet tat-toroq bil-vleġeġ direzzjonali, korrispondenti, logos u titoli. Hemm inkluż ukoll dimensjonijiet proposti għal kull sinjal.

39.03.37 Nhar il-15.07.24 irċivejna li is- Sa. Tania Farrugia kienet uffiċjalment approvata bħala Segretarju Eżekuttiv tar-Regjun Punent minn nhar 11.07.24. Bħalissa qed isiru l-arranġamenti dwar it-trasferiment sabiex tkun tista' tibda mar-Reġjun Punent fuq bażi full-time.

39.03.38 Nhar il-15.07.24 irċivejna mill- AKL eżerċizzju sabiex nivverikifaw informazzjoni fuq membri tal-kunsill, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema jekk għadiex valida.

39.03.39 Nhar il-15.07.24 irċivejna l-ittra tal-ħatra tas-Segretajru Eżekuttiv.

39.03.40 Nhar il-15.07.24 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar Part Time Course li jwassal għal B.A (Hons) grad fl-edukazzjoni, taħriġ u żvilupp tal-adulti.

39.03.41 Nhar is-16.07.24 irċivejna mingħand l-Animal Welfare fejn invitawna sabiex nattendu għal laqgħa informali fir-rigward l-iskemi u inizjattivi nhar it-18.07.24.

39.03.42 Nhar is-17.07.24 Il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet informazzjoni dwar skemi maħruġa minn GAL Xlokk li huma imirrati għall-Kunsilli Lokali.

39.03.43 Nhar is-17.07.24 irċivejna informazzjoni dwar Malta Philharmonic Orchestra Children's Concert.

39.03.44 Nhar is-17.07.24 irċivejna informazzjoni dwar Heat Health Campaign.

39.03.45 Nhar it-18.07.24 irċivejna min Ewropa Kreattiva li Three Cultures Foundation qed tfittex imsieħba għal proġett iffukat fuq il-baċin tal-mediterran, rwol tal-kultura, sengħa u l-wirt taħt l-objettiv 1 (Ħolqien u Ċirkolazzjoni Transnazzjonali) u prijoritajiet relatati mal-inklużjoni Soċjali u l-iżvilupp tal-Udjenza.

39.03.46 Nhar it-18.07.2024 irċivejna mingħand Ewropa Kreattiva li The Louvre Lens - Agence de Développement et de Réservation Touristique du Pas-de-Calais ġewwa Franza qed ifittxu imsieħba għal Coop Call 2025. L-għan ta' dan il-proġett hu kif wieħed jista jgħaddi l-wirt kulturali u l-ġid ta' destinazzjoni lill-ġenerazzjonijiet

iżgħar permezz tal-kreattività, kif jitqajjem għarfien dwar il-kummerċ tal-catering u t-turiżmu kulturali. Kif żgħażagħ jaħdmu ma' koki, produtturi lokali, bdiewa, kummerċ tal-catering u residenti biex jiżviluppaw mudelli ġodda, kunċetti kulinari ġodda jew servizzi jew prodotti ġodda (turiżmu kreattiv) li jtejbu u jivvintaw mill-ġdid ir-riċetti tal-familja/tradizzjonali.

39.03.47 Nhar is-18.07.24 irċivejna mingħand Ewropa Kreattiva li Hungary based Kolorádó Fesztivál li qed ifittxu imsieħba sabiex jipparteċipaw fi proġetti fuq skala żgħira/medja/kbar. Qed ifittxu msieħba għal għotjiet ta' Ewropa Kreattiva biex jgħinuhom itejbu l-aspetti kulturali u kreattivi tal-Festival Kolorádó. Huma partikolarment interessati fi sħubijiet li jappoġġjaw espressjonijiet artistiċi innovattivi, proġetti interdixxiplinari, u prattiki sostenibbli. Qed ifittxu msieħba b'għarfien espert fil-qasam tal-mużika u l-arti tal-ispettaklu, żfin kontemporanju, prattiċi ambjentali u sostenibbli, arti interdixxiplinari u sperimentali.

39.03.48 Nhar it-18.07.24 irċivejna mingħand Ewropa Kreattiva li Signes de Sens in France qed ifittxu imsieħba biex jiżviluppaw u jesperimentaw b'approċċi innovattivi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn kultura inklużiva. Din il-kollaborazzjoni għandha l-għan li taħdem ma' artisti b'diversi diżabilitajiet biex joħolqu flimkien strumenti li jistgħu jgħinuhom jaqsmu faċilment ir-riżultati tax-xogħol artistiku tagħhom mal-ispettaturi u jivvalorizzaw ir-riżultati tiegħu.

39.03.49 Nhar l-31.7.24 ser issir laqgħa mal-PRO's.

**39.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

39.04.01 Is-Sindku ta' Rabat semma l-problema kbira ta' ħamiem li għandu fil-lokal tiegħu. L-istess semma is-Sindku ta Kirkop. Il-President qal li se jkun qed jiċċekja fuq x' jista' jsir ma'AKL

39.04.02 Is-Sindku ta' Żebbug staqsa x' jrid jagħmel jekk jkollu xi ħaġa li jixtieq jtella fuq l-Aġenda. Il-President infurmah li r-Reġjun jaqa taħt l-istess liġi tal-Kunsilli Lokali. Madanakollu huwa dejjem miftuh għal kwalunkwe idea u talbu sabiex preferibilment jgħaddilu a priori idejat li jkollu.

39.04.03 Is-Sindku ta' Żebbug staqsa jekk hux se jsir xi tip ta' training lill-Kunsilliera ġodda kif jaħdem il-Kunsill. Il-President infurmah li huwa infumrat li AKL u DLG kienu qed jaħsbu sabiex isir tali taħriġ.

39.04.04 Is-Sindku ta' Safi staqsa dwar l-istreet lighting. Il-President infurmah li minħabba li bħalissa hemm kawża tal-Qorti kien ser jiċċekja dwar dan.

39.04.05 Is-Sindku ta' Rabat semma ukoll il-problema tal-knis għaliex il-kunsill ma jistax jimpjega kenniesa filwaqt li qed jħallas il-pagi ta' ħaddiema tal-kuntrattur. Il-President infurmah li ser jiccekja dwar dan.

39.04.06 Is-Sindku ta' Rabat qajjem il-punt tal-istorbju ta' stabbilimenti tad-divertiment.. Ser issir laqgħa bejn rappreżentanti mill-lokalitajiet ta' Żebbug, Siġġiewi, Rabat, Dingli, Attard, u Lija. Semma wkoll li ser jitkelmu mal-Kunsilli Lokali ta Mtarfa u Mdina. Il-President infurmah li dispost li jkun ta' spalla ghal-kunsilli Lokali nvoluti. Semma li jkun għaqli li din tgħaddi minn kull Kunsill Lokali sabiex ikolla pozizzjoni aħjar u b'hekk anke ir-Reġjun ikun jista' jassiti ahjar.

39.04.07 Is-Sindku tar-Rabat semma ukoll kif se nibqgħu fuq il-barriera t'Għar Barka. Il-President infurmah li din hija pjaga ambjentali li kien ressaq ma CEO tal-PA f'Mejju 2023 flimkien mal-Maniġer tal-Ambjent u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Rabat. Infurmah li ser jerġa jiccekja fuq dan il-każ.

39.04.08 Is-Sindku tal-Qrendi staqsa x' sar mic-CCTV cameras. Il-President infurmah li l-process għaddej u nġibu xi konfermi mid-DOC, għalkemm l-kuntrattur diġa nfurmat sabiex jibda bix-xogħolijiet.

39.04.09 Is-Sindku tal-Qrendi semma x'sar minnhom is-signage tar-roti - Nudge Active Travel. Il-President infurmah li l-process għaddej u li ser jiċċekja fhiex wasal. Il-proċess mistenni jingħalaq fis sena 2025 skond il-ftehim li kien iffirmat.

39.04.10 Is-Sindku tal- Qrendi talab li il-fondi tal-Istreet Calming measures jinqalbu fuq Street marking għaliex fil-Qrendi jridu jsiru tal-Konkrit. Il-President infurmah li ser jiċċekja mal-Maniġer tal-Ambjent sabiex naraw x'jista jsir biex filwaqt li nilħqu l-iskop ma jintilfux fondi.

**39.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

39.05.01 Kwotazzjoni RFQ174/2024 Request For Quotation for Stickers (39.06.01)

39.05.02 Kwotazzjoni RFQ175/2024 Request For Quotation for Farewell Meeting (39.06.02)

39.05.03 Kwotazzjoni RFQ176/2024 Request For Quotation for Morning Brunch (39.06.03)

39.05.04 Kwotazzjoni RFQ 177/2024 Request For Quotation for Shredder (39.06.04)

39.05.05 Kwotazzjoni RFQ 178/2024 Request For Quotation for External Hard Drive (39.06.05)

39.05.06 Kwotazzjoni RFQ179/2024 Request For Quotation for the Service of DPO (39.06.06)

39.05.07 Rapport Finanzjarju – It-Tieni Kwart tas-Sena (39.08)

39.05.08 Rapport tal-Maniġer tal-Iskart (39.09.01)

39.05.09 Rapport tal-Maniġer tal-Ambjent (39.09.02)
39.05.10 Rapport tal-Maniġer tal-Proġetti (39.09.03)
39.05.11 Rapport tal-Maniġer tal- IT (39.09.04)
39.05.12 Rapport tal-Maniġer tal-Kultura (39.09.05)
39.05.13 Rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej (39.09.06)
39.05.14 Rapport Annwali tal-Awdituri fuq l-iskart 2023 (39.10)

## 39.06 Approvazzjoni ta' Xiri

39.06.01 Kwotazzjoni RFQ174/2024 Request For Quotation for Stickers

Il-President informa li ntbagħtu seba' inviti għall-kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti u wieħed ma kienx joffri dan is-servizz. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: is-Sindku ta' Żurrieq is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.06.02 Kwotazzjoni RFQ175/2024 Request For Quotation for Farewell Meeting

Il-President informa li ntbagħtu tliet inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tliet offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: is-Sindku Mqabba is-Sa. Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.06.03 Kwotazzjoni RFQ 176/2024 Request For Quotation for morning brunch

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: is-Sindku ta' Żurrieq is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.06.04 Kwotazzjoni RFQ177/2024 Request For Quotation for Shredder

Il-President informa li ntbagħtu ħames inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: is-Sindku ta' Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.06.05 Kwotazzjoni RFQ178/2024 Request For Quotation for External Hard Drive.

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tliet offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant : is-Sindku ta' Safi is-Sur Johan Mula

Il-Kunsill qabel unanimament.

39.06.06 Kwotazzjoni RFQ179/2024 Request For Quotation for Data Protection Officer.

Il-President informa li ntbagħtu tliet inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna żewġ offerti u waħda tard. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Is-Sindku ta' Ħal-Safi is-Sur Johan Mula iddikjara kunflitt t'interess u ħareġ mill-laqgħa sakemm ittieħed il-vot.

Sekondant: is-Sindku ta' Żurrieq, is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**39.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.27**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 27.

Proponent: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Sekondant: Is-Sindku ta' Dingli is-Sur Raymond Schembri

Il-Kunsill qabel unanimament.

**39.08 Rapport Finanzjarju – It-Tieni Kwart tas-Sena**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-President ippreżentaw ir-rapport tat-tieni kwart tas-sena. Is-Sur Daniel Galea , accountant kien prezenti virtwalment fil-laqgħa u ta' spjega ta' dan ir-rapport. Il-President ressaq għall-approvazzjoni tiegħu.

Sekondant: is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

**39.09 Rapport tal-Manigers – April -Ġunju 2024**

39.09.01 **Rapport tal-Manager tal-Iskart**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-Iskart.

Sekondant: is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Julian Borg.
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.09.02 **Rapport tal-Manager tal-Ambjent**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-ambjent.

Sekondant: is-Sindku ta Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.09.03 **Rapport tal-Manager tal-Proġetti**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-Proġetti.

Sekondant: is-Sindku ta' Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.09.04 **Rapport tal-Manager tal- IT**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-IT.

Sekondant: is-Sindku tas-Siġġiewi is-Sur Julian Borg.
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.09.05 **Rapport tal-Manager tal-Kultura**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager Kultura.

Sekondant: is-Sindku ta' Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.09.06 **Rapport tal-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej.

Sekondant: is-Sindku ta' Siġġiewi is-Sur Julian Borġ
Il-Kunsill qabel unanimament.

**39.10 Rapport Annwali tal-Awdituri fuq l-iskart 2023**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport Annwali tal-Awdituri fuq l-Iskart ghas-sena 2023.

Sekondant: is-Sindku ta' Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

**39.11 Public Spaces Risk Assessment**

Il-President informa li l-Maniger tal-Ambjent irrimarkalu fuq l-istandards ta' saħħa u sigurta' li kull Kunsill Lokali għandu jżomm ġewwa l-ġonna u spazji

pubbliċi. Għalkemm kull Kunsill Lokali jara li dawn jinżammu bl-aħjar mod possibbli, minħabba diversi mottivi mhux dejjem ikun hemm ċertifikazzjoni ta' inġinier. Għal dan il-għan qed nipproponi sabiex r-Regjun Punent jara kif jista' jassiti lil Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward.

Sekondant: Il-Vici President, u Sindku ta' Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**39.12 Għajnuna lill-iskejjel għas-separazzjoni tal-iskart**

Il-President innota li referenza għall- approvazjoni tal-minuta 34.13.01 fuq kif ser jintefqu l-għotja ta Eur5,000 li ħadna bħala "Best Performing Region" għas-sena 2023; kien ġie deċiż li jinxtraw skips kbar (1100 litru) għall-iskejjel tar-Reġjun u/jew alternattivi u metodi oħra li nistgħu nassistu lil dawn l-iskejjel sabiex jkollhom mezz aħjar biex jisseparaw l-iskart.

Sabiex nassistu bl-aħjar mod lill-iskejjel kollha tar-Reġjun, din is-somma ser tinqabeż. Għaldaqstant qed nitlob l-approvazzjoni sabiex nassistu bl-aktar mod possibbli lill-iskejjel kollha fi ħdan ir-Reġjun, nkluż l-għajnuna amministrattiva ta' l-istess Kunsilli Lokali.

Sekondant: Il-Vici President, u Sindku ta' Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

Il-Viċi President u Sindku ta' Qrendi is-Sur David M. Schembri ressaq talba sabiex min diġa għandu skips, nieħdu lit-tfal ġewwa l-Ecohive M'Skala u ir-Reġjun ikopri tali trasport.

Sekondant: Is-Sindku ta' Żurrieq, is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**39.13 Proġett EU Life Application**

EU LIFE (with CEO MBB – JT)
Il-Proġett tal-Mobility Wallet li jkun ġie esplorat fic-City to City, għandu lok jseħħ b'saħħa ta fond tal-EU Life. Bħalissa qed jitfasslu l-lista ta partners Maltin u barranin, liema minnhom ir-Reġjun jista jsir partner u jkopri spejjeż tal-applikazzjoni, riċerki dwar *behaviour* u sistemi ta' vjaġġar u anke kompariżi bejn diversi sitwazzjonijiet ta' partners. Dan kollu waqt li tiġi ntroddota għal minimu ta' tliet snin din il-mobile application għar-residenti u sservi forma ta' proġett pilota. Ir-Reġjun ikollu fejn jħallas u jkopri l-pagi ta' dawk l-uffiċjali reġjonali involuti direttament u anke jqabbad addizzjonali [temporanjament] ġodda li jkunu speċifikament qed jikkontribwixxu lejn dan il-proġett.

City-to-City
Wara laqgħat mħejjija mal-MBB, CeiiA, Guimaraes (fil-Portugal) hemm interess ta' exchange fejn esperti mis-settur tal-mobilita' jżuru u jiltaqgħu mar-Reġjun, Transport Malta, Malta Public Transport, u Malta Business Bureau. Flimkien ma' dawn l-istakeholders kollha jitqajjem diskors sabiex naraw hux vijabbli tiġi introddotta mobile application liema tip jgħidulha *mobility wallet* għar-residenti. L-iskop hu li tinċentiva u tagħti *reward* lil min juża mezzi alternattivi tat-trasport lil hinn mill-vettura personali tagħhom. Dawn il-'peers' barranin jħejju review tas-sitwazzjoni u jilqgħu l-istess stakeholders Maltin fi Guimaraes il-Portugal sabiex nesperjenzaw u nevalwaw l-applikazzjoni insitu u kif jħaddmuha, x'involvimenti hemm eċċ. Dan kollu jfassal t'introduzzjoni tal-potenzjal tal-applikazzjoni, li jħejji t-triq għal-proġett tal-EU Life li msemmi hawn taħt.

NB: Permezz tal-European Urban Initiative, l-iskema ta' fond City-to-City Exchange tkopri l-ispejjeż tat-titjiriet, loġistika u akkommodazzjoni.

Is -Sindku ta Rabat qal li din se ngħinu lin-nies biex isibu trasport alternattiv. Is-Sindku ta Rabat staqsa ukoll x' inhuma l-mezzi ta' transport alternattivi?

Sekondant: is-Sindku ta Zurrieq is-Sa.Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**39.14 Materji Oħra**

39.14.01 **TM Roads works permit system**
Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent ikollu aċċess għas-sistema tal-permessi tax-xogħolijiet fit-toroq ta' Transport Malta għall-10 lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun Punent. (Email 28 ta' Ġun)

Sekondant: Ma kienx hemm sekondant
Il-Kunsill ma qabilx. Kulħadd ivvota kontra, u kien hemm astensjoni waħda

39.14.02 **Sħubija Life Policy 2024-2025**
Il-President informa li irċivejna Ċir AKL 2024/047 Group Life Policy 2024-2025 għall-Presidenti Reġjonali, Sindki, Viċi-Sindki u Kunsilliera. Għaldaqstant ippropona s-sħubija ta dawk intitolati fiha bħal ma sar fi snin preċedenti.

Sekondant: Is-Sindku ta Siġġiewi is-Sur Julian Borg
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.14.03 **Attendenza fil-European Week of Regions and Cities**
Il-President propona sabiex għal European Week of Regions and Cities li ser taħbat fil-ġimgħa bejn 7 sa 11 t'Ottubru jattendu l-ES, u l-Manigers tal-Ambjent, Skart, Kultura u Proġetti tal-EU.

Sekondant: is-Sindku ta Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.14.04 **Kotba għal-librerija Dar Malta**
Il-President ippropona sabiex din is-sena nerġgħu nagħtu għotja ta' kotba għall-librerija Dar Malta ġewwa Brussel. Fuq rakkomandazjoni li kienu għamlu is-Sindki, il-kotba għandhom possibbilment ikunu miktuba minn awturi li jgħixu fir-Reġjun

Sekondant: is-Sindku ta Siggiewi is-Sur Julian Borġ
Il-Kunsill qabel unanimament.

39.14.05 **Appoġġ lil Malta Tourism Authorithy**
Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent jiffirma l-ittra ta' appoġġ mibgħuta mill-MT Observatory tal-Malta Tourism Authorithy. Din l-approvazzjoni ser tkun qed tgħin sabiex l-MTA jikkolabboraw u jagħmlu benchmark ma' osservatorji tat-turiżmu ewlenin oħra, jaqsmu l-aħjar prattiċi u jikkontribixxu għall-isforzi globali fil-promozzjoni tal-iżvilupp tat-turiżmu sostenibbli.

Sekondant: Il-Vici President, u Sindku ta' Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

39.14.06 **Promozzjoni tal-wirt Reliġjuż**

Il-President semma li wara tlestija tal-Ktieb 'Djar t'Alla, Djar tal-Poplu' issa kien imiss li immexxu għal ktieb ieħor fuq in-niċeċ. Fir-Reġjun Punent insibu numru ta' niċeċ sbieħ u storiċi li jkomplu isaħħu l-kultura Reliġjuża. Sabiex nkomplu nippromwovu t-turizmu reliġjuz u bi preparazzjoni għat-tieni ktieb, qed nipproponi sabiex nipromwovu fuq it-televizjoni in-niċeċ li għandna fil-lokalitajiet li huma wirt artistiku li jżejnu l-arkitettura fit-toroq tagħna.

Il-promozzjoni ser issir forma ta' features ta' 5 minuti bit-titlu Niċeċ fuq TVM u TVMNews li tibda minn Ottubru 2024. Din is-sena ser ikun hemm żewg skedi ta' 13-il-programm b'total ta 26 puntata. Fis-sena 2025 niddeċiedu jekk nidħlux għat-tielet skeda.

Sekondant: Il-Vici President, u Sindku ta' Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

39.14.07 **Approvazzjoni u Launch tal-Proġett SIA**

Il-President ressaq għall- approvazzjoni ir-Rapport ta' SIA hekk kif ġie preżentat mill-UOM.

Sekondant: Il-Viċi President, is-Sindku tal-Qrendi David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament

Il-President semma li bi skop li l-Kunsilli jingħataw viżjoni iktar rappreżentattiva tal-perċezzjonijiet tan-nies ta' fuq xhiex hemm bżonn jiffokkaw il-leġiżlatura l-ġdida u r-riżorsi tagħhom, qiegħed jiġi suġġerit mill-Maniġer tal-Ambjent li e.ż. b'saħħa ta' student universitarju li jpoġġi għat-teżi rispettiv fil-qasam, joħloq survey u analiżi (bi gwida mir-Reġjun u dawk supervisors) li tidħol f'iktar foka individwali fuq il-Kunsilli rispettivi meta mmissu ma' qasam ta' trasport, aċċessibilita, tniġġis ta' kull tip, spazzji pubbliċi, ġonna u żoni ta' rikreazzjoni, kwalita' ta' servizzi, ħajja, u anke aspetti soċjali li jmissu mal-finanzi, soċjeta eċċ. Dan jiġi sussegwentiment wara l-ħruġ tas-SIA bi skop li nirfinaw iktar, u qed jiġi rrakkomandat li jkun hemm forma ta' intervista fl-għażla tal-istudent, u rimbors lill-istudent magħżul ta' livell terzjarju, li jkun qed ipoġġi tal-inqas għal-MQF Level 6 jew għola.

Is-Sindku tar-Rabat ressaq talba sabiex anke bħala Regjun Punent jisponsorja Teżi dwar dan il-Progett. Il-President ressaq għal-approvazjoni din il-materja.

Sekondant: Il-Viċi President, u Sindku tal-Qrendi David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament

Il-President propona sabiex nhar il-Gimgħa 25 t'Ottubru ntellgħu attivita' dwar il-Progett SIA. Din l-attivita' trid tkun waħda differenti fejn nippruvaw ninvolvu anke lill- Kunsilliera u staff tal-Kunsilli Lokali sabiex anke nieħdu l-veduti tagħhom fuq dan is-suġġett u triq il-quddiem ta ħidma.

Sekondant: Is-Sindku taz-Zurrieq is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

39.14.08 **Progett Buzz Bee**

Il-President semma kemm huwa mportanti li nipromwovu aktar is-snajja tan-naħħal u informazjoni fuq in-naħal ma' skejjel tar-Reġjun. Għaldaqstant anke fuq suggeriment tas-Sur Zammit mil-Kunsill Lokali Safi qed jipproponi sabiex nikkollaboraw fuq il-progett Buzz Bee. Ir-Regjun ser jikkontribwixxi fit-tixrid ta' promozzjoni, materjal u logħba edukattiva li twassal lil kull min jilgħaba jifhem sewwa l-funzjoni tan-naħla.

Sekondant: Il-Viċi President, u Sindku tal-Qrendi David M. Schembri.

Il-Kunsill qabel unanimament

39.14.09 **Korsijiet tal-Presepji u għajnuna lil presepisti**

Il-President propona sabiex nassistu sabiex jittellgħu korsijiet tal-presepji fil-Kunsilli Lokali nteressati u nassitu lil presepisti mir-Reġjun sabiex jesebixxu l-arti tagħhom ġewwa wirja li ser tittella' ġewwa l-Vatikan bejn Novembru 2024 – Jannar 2025.

Sekondant: Is-Sindku ta' Żurrieq is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

39.14.10 **Attivita' Sportiva – European Week of Sports**

Il-President propona sabiex kemm il-darba insibu koperazzjoni norganizzaw attivita' sportiva għal European Week of Sports ġewwa Għar Lapsi. Dan jikkonsisti f'logħob ta' netball, rowing, eċċ..

Sekondant: Il-Viċi President, u Sindku tal-Qrendi David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament

**39.15 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-20:00 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **is-27 t' Awwissu, 2024 fil-5:30pm.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Sandro Azzopardi | Tania Farrugia |
| President Reġjun Punent | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |

27 ta' Awwissu, 2024

Ikkonfermati llum